# IT-TORRI L-ABJAD

**Michael Bonanno**

Peress li l-Mellieħa tinsab imdawwra bil-baħar u xi ftit maqtugħa mill-kumplament tal-gżira u bliet fortifikati, il-Granmastri l-iktar fis-seklu sbatax, raw li tinħoloq sistema ta' twissija għal meta jkun riesaq il-periklu u attakki mill-furbani u ħallelin tal-baħar. Dawn kienu jinżlu x-xatt, ikissru, jisirqu kull ma jsibu u anki jaħtfu xi nies għall-jasar. Għalhekk beda tiela bini bħal torrijiet, ridotti u batteriji biex jagħtu l-ħarsien lil dawn l-inħawi speċjalment lill-abitanti f'dawn in-naħat.

Wieħed minn dawn it-torrijiet huwa dak tat-Torri l-Abjad. Dan inbena fl-1658 mill-Gran Mastru De Redin bħala parti mid-difiża tal-kosta. Bħalu nbnew tnax oħra mferrxin mall-kosta ta' Malta. Jinsab fuq għolja f'tarf tal-Aħrax tal-Mellieħa faċċata ta' Kemmuna. Biex inbena sewa 590 Skud li tħallsu mill-Gran Mastru stess. Huwa mibni fuq żewġ sulari b'turretta waħda.
Għalkemm ġewwa fih kamra isfel u oħra fuq, oriġinarjament kellu bieb flok tieqa fis-sular ta' fuq minn fejn is-suldati kienu jidħlu, kienu jitilgħu permezz ta' sellum tal-injam jew ħabel li kien jittella` u jinġabar warajhom bħala sigurta'. Kien ikun hemm bumbardier u tliet suldati tad-Dejma għassa fejn kien ikollhom żewġ kanuni fuq il-bejt.

Dawn it-torrijiet, bħala wirt storiku u patrimonju tagħna, lkoll jixirqilhom li jkunu mħarsa u jiġu restawrati. L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar skedat it-torri (Grad 1) fl-1995. Illum il-ġurnata t-torri ġie mgħoddi f'idejn il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fejn ser jiġi rrestawrat flimkien mal-għaqda lokali Historical Military Maritime Society of Malta.

Ritratti (pubblikati bil-permess ta' Heritage Malta):
It-Torri l-Abjad kif kien jidher fil-bidu tas-Seklu Għoxrin





www.choirandorchestra.org

Visit our website for news, photos of events and calendar of upcoming activities.